**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6427 – Hermes Europe/Armadillo Holding/B2C)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 335/14)

1. Fl-4 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Rgeolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriżi Hermes Europe GmbH ("Hermes", il-Ġermanja), proprjetà tal-grupp Otto u ta' Armadillo Holding GmbH ("Armadillo", il-Ġermanja), konġuntament ikkontrollati minn LaPoste SA u mill-Arikanli Group, jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' B2C Limited Liability Company ("B2C", ir-Russja), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Hermes: fornitur ta' servizzi ta' trasportazzjoni u ta' loġistika,

— Armadillo: fornitur ta' servizzi ta' trasportazzjoni u ta' loġistika, speċjalment fl-Ewropa tal-Lvant,

— B2C: attiva fir-Russja fit-twassil ta' pakketti lill-konsumaturi, kemm minn negozji kif ukoll minn konsumatur oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6427 – Hermes Europe/Armadillo Holding/B2C, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").